**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 25 ta' Marzu, 2019

**Il- Pulizija**
**(Spettur Elliott Magro)**

**-vs-**

**Kareem Botan Rashad Kareem, detentur tal-karta tal-identita` 0104745A.**

**Janette Baldacchino, detentrici tal-karta tal-identita` 086188M.**

*Kumpilazzjoni Nru. 563/2017*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Kareem Botan Rashad Kareem u Janette Baldacchino, u ċioè talli:

> Fix-xahar ta' Lulju, 2017, u fix-xhur u snin ta' qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnhom fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Bi ħsara ta' ħaddieħor, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, u **<u>dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 309 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;</u>**

2. Talli b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 179, għamlu falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli u/jew xjentament għamlu użu minnha u **<u>dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 187 (1) (2) tal- Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;</u>**

3. Talli volontarjament bil-ħsieb li jagħmlu ħsara lil xi persuna/i, akkużaw lil dik/dawk il-persuna/i quddiem awtorità kompetenti b'reat, filwaqt li kienu jafu li dik il-persuna hija innoċenti **<u>u dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 101(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;</u>**

4. Talli daħlu f'dar jew lok ieħor jew f'reċint b'wieħed mill-mezzi msemmija fl-artikoli 264, 265 u 266, għalkemm ma kien hemm ebda prova ta' att li jikkostitwixxi attentat ta' reat ieħor **<u>u dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 330 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;</u>**

5. Talli bil-ħsieb li ttellfu jew nnaqsu l-ġieħ ta' Polly Holding, Carmela Vassallo, Joseph Vassallo u/jew persuni oħra, weġġgħu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor **<u>u dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;</u>**

6. Talli volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu Polly Holding, Carmela Vassallo, Joseph Vassallo u/jew persuna/i ohra , liema ħsara tiskorri l-ammont ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500) **<u>u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;</u>**

7. Talli bla ħsieb li jisirqu jew li jagħmlu ħsara kontra l-Liġi, iżda biss biex jeżerċitaw jeddu li pretendew li għandhom, ġiegħlu, bl-awtorità taghhom innfushom, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxu obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklu lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejjiġhom, jew ħattew bini, jew b'xi mod ieħor, kontra l-Liġi, ħalltu fi ħwejjeġ ħaddieħor meta hadu fil-pusses tagħhom ghad-detriment ta' Polly Holding, Carmela Vassallo, Joseph Vassallo u jew persuna/i ohra **<u>u dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 85(1) tal-Kap 9 ta' Malta;</u>**

Il-Qorti ġiet wkoll ġentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni offiżi ċioe' Polly Holding, Carmela Vassallo, Joseph Vassallo u/jew persuni ohra, jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuni msemmija minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużati skont l-Artikolu 412C tal-Kap 9. U f'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-persuni offiżi u l-familji tagħhom ai termini tal-Artikli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati m'ghandhom l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-

Illi l-**Ispettur Elliot Magro** xehed kif irceva kwerela sabiex jittiehdu passi kontra l-imputati talli baqghu jghixu fi flat mikri lilhom minghar ma jhallsu u hallew diversi kontijiet pendenti tad-dawl u ilma li ammontaw ghal €1,000. Kien gie prodott ktejjeb tal-kera fejn pagina minnhom kien hemm ricevuta li l-partijiet lezi infurmaw lill-pulizija li kienet falza ghaliex qatt ma kienu rcevew il-flejjes miktuba fuq dik l-ircevuta; fil-fatt sostnew li l-ircevuta in kwistjoni qatt ma nharget minnhom. Gie allegat ukoll li kienu saru divesi hsarat f'apartament fl-istess binja fejn kienu qed jikru l-imputati, li skond il-parte leza Joseph Vassallo dawn kienu l-unici li kellhom access ghall-binja. L-imputat gie mitkellem mill-pulizija fejn cahad l-allegazzjonijiet izda qal biss li hu ma setghax jisfa' bla saqaf fuq rasu habta u sabta u talab li jibqa' jikri l-fond imsemmi sakemm tlestiet il-binja gdida f'Hal-Qormi lejn fejn kien ser jittraslokaw.[1]

Illi gew esebiti zewg kwereli li *ictu oculi* turi li l-pretensjonijiet primarji huma ta' <u>indoli prettament civili</u>.[2] Fit-tieni kwerela jinghad li l-imputati kienu vvakaw il-propjeta` mikrija lilhom izda fiha ghamlu diversi hsarat. L-iktar allegazzjoni rilevanti hija li saret falsifikazzjoni fi ktieb tal-kera.[3]

---

[1] Fol.12-13.

[2] **Dok. EM** u **Dok. EM1**

[3] Fol.23

Illi **Joseph Vassallo** spjega' kif il-propjeta` tal-familja giet mikrija lill-imputati fl-2014 bil-kirja tiggedded kull tlett xhur. Meta gew biex itemmu l-kirja l-imputati talbuhom jestendu bi tlett xhur izda huma tawhom biss xahrejn bil-patt li jestendu minn xahar ghal xahar skond il-bzonn.[4] F'Mejju, 2017, ma baqawx ihallsu l-kera u qalulu li kienu taw lill-ohtu, Polly Holding, €500 meta huma kienu hallsu biss €250 depozitu u €200 bhala kera ghall-ewwel xahar. Baqaw ma hallsux il-kera dovuta u lanqas ma halsu ghall-*utilities*.[5] Quddiem il-pulizija fl-Ghassa l-imputati insistew li hallsu €500. Meta vvakkaw il-post instabet hafna hsara li l-parte civile jghid saret mill-imputati peress li huma biss kellhom cavetta tal-bieb ta' barra ghaliex l-inkwilini l-ohra kienet intemmitilhom il-kirja; il-hsara jikkalkula li tammonta ghal €100 izda ma tressqet l-ebda prova sabiex tissostanzja dan.[6] Gie esebit ktieb tal-kera li fih kienu jitnizzlu l-pagamenti minn ohtu. Gie esebit document li l-imputat wera lill-Pulizija fejn jinghad li l-kera ta' xahar bil-quddiem thallset f'April fl-ammont ta' €250.[7]

In kontro-ezami jichad li fiz-zmien tal-kirja tal-imputati fl-istess blokka kienet toqghod certa Jessica. Din kienet tidhol minn bieb apparti u ma kellhiex access ghall-blokka.[8] Fil-fatt gie riprodott u kkonferma *"Mariolina harget mill Flat number 4 ta' fuqhom fil-15 ta' Dicembru 2016 jigifieri fl-2017 ma kien hemm hadd hlief huma...... jien mort u sibt il-bieb sgassat wiehed minnhom, ma kienx hemm hsarat kbar imma gie sgassat. Xi hadd dahal biex jipprova juza l-washing machine probabbli, sabu li ma kienx hemm ilma u dawl u telqu kollox kif kien jigifieri naqsu xi affarijiet zghar imma mhux importanti....Huma biss kellhom access....[Marjolina] kellha l-kera mhallsa sa' Jannar sa' nofs Jannar tas-2017 pero' hi harget fil-15 ta' Dicembru u marret kienet cemplet lill ohti harget qabel jigifieri z-zmien u marret l-Appogg."*.[9]

Illi **Polly Holding** xehedet li l-flat kien inkera b'€250 fix-xahar.[10] L-ewwel darba thallset is-somma ta' €500 peress li kien hemm inkluz €250 depozitu. Ix-xhud esebiet il-ktieb tal-kera. Kienu hallsu sal-24 ta' Marzu,

---

[4] Fol.32-33
[5] Fol.34
[6] Ibid.
[7] **Dok EM3** a fol.27
[8] Fol.40-41
[99] Fol.94
[10] Fol.59

2017. **Cahdet li kienet harget l-ircevuta**[11] li Kareem kien pprezenta lill-pulizija *"Dak mhux jien ghamiltu….mhux il-handwriting tieghi…..Bhal firma tieghi....Jiena nikteb fuq il-line din mhux qeghda fuq il-line.....Ma nafx min ghamilha [il-firma]"*.[12] Gie esebit ktieb tal-kera li kien jinzamm ghand ix-xhud, minn fejn jirrizulta li l-ahhar pagament kien dak maghmul fit-3 ta' Frar, 2017 ghall-kirja sal-24 ta' Marzu, 2017.[13] Ma hemm l-ebda annotament jew ricevuta li tirrelata ma dik li l-imputat ipprezenta l-ghassa u li qed jigi allegat li qatt ma nharget mix-xhud Holding.

Ix-xhud issemmi li kien hemm familja ohra li kellha access ghall-blokka. Din il-familja kienet toqghod gewwa il-flat numru 3, Mariolina, filwaqt li l-imputati fi flat 2.[14] Iktar tard tikkoregi ruha u tghid li fl-2017 kienu biss l-imputati li kienu jghixu fil-blokka *"Hemm erba` flats, huma kienu fit-two (2) u l-ohrajn kienu vojta. Ghadna maisonette isfel imma dak separat bieb ghalih m'ghandhomx x'jaqsmu…bieb differenti."*.[15] In kontro-ezami tikkonferma li meta kienet tmur tigbor il-kera kienet tiffirma fuq il-ktieb li kien jinzamm ghand l-inkwilini *"Niffirmalha dak il-hin, la ttini l-flus niffirmalha dak il-hin u nhallihulha u taghha."*[16] Tikkonferma li d-dokument mghoddi minn Kareem lill-pulizija ma kienx miktub minnha ***"jien kont nimliha...kont nimla kollox, bid-data b'kollox."*.** Tikkonkludi ghalhekk li dak kien dokument falz.[17] Kienet timla l-ircevuta malli kienu jhallsuha ***"Dak il-hin x'hin ittuni l-flus"*.**[18] Tichad bil-qawwa li qatt hadet il-ktieb tal-kera li kien dejjem baqa' jinzamm mill-imputati *"Lanqas kienet ha thallini niehdu ma tarax.... Ma kinitx ser thallini niehdu l-ktieb."*.[19]

Illi **PS1243 George Polidano** xehed li wara li l-pulizija rceviet kwerela ghan-nom tal-ahwa Vassallo, baghat ghall-imputat Kareem. Din id-dikjarazzjoni tinciedi direttament fuq it-tielet imputazzjoni kif ser jigi

[11] **Dok. EM3** a fol. 27
[12] Fol.63
[13] **Dok. PH** a fol.79
[14] Fol.65-67
[15] Fol.69
[16] Fol.70
[17] Fol.71-72
[18] Fol.74
[19] Fol.76-77

muri aktar il-quddiem. Kareem qallu li kienu ghadu ma harigx mill-post tal-partijiet lezi peress li l-post tieghu gdid ma kienx ghadu tlesta. Mix-xhieda tieghu ma jirrizultax li l-imputat mar l-ghassa jiddenunzja jew jirraporta sabiex titmexxa kontra Vassallo jew Holding xi azzjoni kriminali fil-konfront tal-partijiet lezi. Ikompli *"Hu pprezenta ktieb tal-kera gewwa l-ghassa fejn meta s-sur Joseph Vassallo fethu dan il-ktieb innota li l-ktieb kellu wahda mill-pagni maqtugha. F'dak il-hin l-istess Joseph Vassallo beda jilmenta li fuq dan il-ktieb kien hemm firma iffrodata jigifieri kien hemm firma li suppost kienet ta' Paolina Holding imma kienet iffirma s-sur Kareem stess..... il-ktieb tal-kera kont rajtu jien bil-pagna maqtugha."*. Muri d-dokument allegatamet ffalsifikat jghid *"Dan id-dokument huwa parti mill ktieb tal-kera li huwa iffirmat P.Holding imma skont is-sur Joseph huwa ffalsifikat... Rajtu gewwa l-Ghassa r-Rabat."*[20] Ix-xhud ikkonferna il-**Current Incident Report**.[21]

Illi **Joseph Mallia** xehed li wara li analizza d-dokument kkontestat (**Dok. EM3**) u kkompara l-kalligrafija fih ma dik tas-sinjura Holding. *"..**jirrizultaw diskrepanza kemm f'landament tal-kitba kif ukoll fid-disinn u anka f'certu kliem kif miktub**. ..... Irrizulta wkoll illi l-ircevuta EM li hija rcevuta loose giet maqtugha mid-dokument PH li huwa ktieb iehor tal-kera l'ghaliex irrizulta mechanical fit ukoll ta' din l-ircevuta mid-dokument PH ghad-dokument EM3 li hija l-istess folja ta' wara nqaghtat, saret l-ircevuta pero` sar mechanical fit u rrizulta li din l-ircevuta tikkombacca ezatt mad-dokument PH li hija l-ewwel folja. Dik il-folja PH umbaghad ghandha ircevuta u firma u din l-ircevuta **jidher li l-awtur ha dik l-ircevuta bhala kampjun u jpprova jikkopjaha bil-firma b'kollox pero` hemm id-diskrepanzi li semmejt** u dan jiena ghamiltu permezz ta' scans, kif ukoll permezz ta' punti karatteristici fejn wrejt illi din il-kalegrafija, **il-punti kalegrafiki li fiha huma totalment differenti. Ghamilt ukoll ir-ritratti tal-mechanical fit kif din il-folja qablet m'ohra,....**"*.[22]

Riprodott wara li gie estiz l-inkarigu sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn dik il-kitba u l-firma tal-imputati, jikkonferma li *"Bhala*

---

[20] Fol.82

[21] **Dok. GP** a fol. 83 et seq.

[22] Fol.101 et seq.

*konkluzjonijiet jidhru numri kemm fid-data kif ukoll f'diversi dati, kif ukoll fic-cifra ta' two five zero (250) specjalment in-numru hamsa (5) li kien* ***kompatibbli mal-kalagrafija tas-Sinjura Janette Baldacchino.*** *Kif ukoll in-numru erbgha (4) li jifforma parti wkoll mid-dati, in-numru sebgha (7) u n-numru tnejn (2), kif ukoll l-ittri TY formanti parti minn fifty (50), id-D kull fejn tinstab, kif ukoll l-ittra T.".*[23]

Illi fuq dawn ir-rizultanzi processwali gie ampjament ppruvat li **d-dokument gie ffalsifikat mill-imputata Janette Baldacchino filwaqt li mhemmx dubbju li l-imputat Kareem Botan Rashad kien konsapevoli minn dan il-fatt u sahansitra ghamel uzu minnu meta pproducieh l-ghassa biex konsegwentement permezz tieghu gwadanjaw ftit zmien biex baqaw jirrisjedu fil-fond.** Ha tieghu anke mal-parte leza Joseph Vassallo fejn gideb u qallu li kien hu li ghadda flus lill-ohtu Polly Holding.

Mhemmx dubbju li permezz tal-ingann ipperpetrat minnhom huma ghamlu qliegh fis-sens li baqghu jirrisjedu  ghall-zmien qasir fil-fond li kieku verament sar il-hlas, kif allegaw, kien ikollhom il-kirja mhallsa minn tal-inqas sal-jum tal- 24 ta' April, 2017 (25-3-17 up to the 24-4-17),[24] meta fil-fatt kienu hallsu biss sal-24 ta' Marzu, 2017. Il-qliegh taghhom ghalhekk kien iktar minn €250 tenut kont li dak l-ammont kien jirraprezenta biss kirja ta' xahar. Il-kwerela tindika li sat-12 ta' Mejju, 2017, l-imputati kienu ghadhom jirrisjedu fil-fond, fatt ikkonfermat mill-parte leza Vassallo.

[23] Fol.138 et seq.
[24] **Dok. EM3** a fol.27

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra:**[25]

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza* ***Il-Puliizja vs Carmela German*** *(Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004):* ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Illi ghalhekk jirrizulta li l-imputati baqghu jirrisjedu fil-fond taht il-pretiza li kienu hallsu kera sal-24 t'April, 2017. Ghaldaqstant huma arrikkixxew lilhom infushom fl-ammont ta' €250 kif ukoll f'ammont ulterjuri li jikkorispondi ghat-tul taz-zmien li baqghu jirrisjedu fil-post; ammont globali li kien dovut lill-partijiet lezi u ghaldaqstant jammonta ghal-telf patrimonjali ghall-istess partijiet lezi.

Illi dwar it-tieni imputazzjoni ssir riferenza ghas-sentenza ***Gerald Vella et vs. Avukat Dr. Joseph Cassar noe:***[26]

> .....mhix valida skrittura li tkun iggib il-firma ta' wahda mill-partijiet biss u dina ma tistax tigi supplita bl-ebda mod iehor. L-iskambju ta' ittri jista jekwivali ghal skrittura privata meta jkun fih l-element kollha u l-identita li tirrikjedi tali skrittura.

Illi l-Qorti Civili Prim Awla fis-sentenza taghha fl-ismijiet **S.G. South Limited vs Joseph Scicluna et** kkunsidrat:[27]

---

[25] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali; Per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima; Deciza fit-2.03.2011

[26] Per S.T.O Sir Anthony J. Mamo, President, Onor. Profs JJ. Cremona Vici President, Onor. J. Flores, Appelli Kummercjali, 24 t'April, 1967.

Il-firem fuq skrittura privata mhux mehtieg, bil-ligi, li jkunu awtentikati minn xhud, pero', irid jirrizulta, ta' min hija l-firma u l-veracita' taghha. Ghall-validita' ta' skrittura, il-ligi trid li jkun hemm zewg firem, li mhux bilfors jinghataw kontestwalment, imma jridu jkunu fuq l-istess dokument (ara "Vella vs Cassar", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' April, 1967), u jekk id-dokument ikollu firma nieqsa (peress li ma jistax jigi identifikat il-persuna l-ohra li allegatament iffirmat dak id-dokument), dak id-dokument ma jkunx jiswa bhala skrittura privata.

Imbghad il-Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha **Id-Direttur tal-Artijiet v. Mediterranean Film Studios Limited** iddecidiet:[28]

Inoltre transazzjoni trid att pubbliku jew kitba privata ghall-validita` taghha, u kitba privata tehtieg li tkun iffirmata miz-zewg partijiet, liema firem mhux mehtieg li jsiru kontemporanjament, izda jridu jsiru fuq l-istess dokument, (ara Vella v. Cassar, deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' April, 1967).

Illi bil-kliem "skrittura privata" il-legislatur jirreferi ghall-forma ta' kuntratt jew arrangement bejn zewg partijiet jew aktar li johloq obbligi u/jew jikkreja drittijiet, u/jew li fih qed jigi maqbul jew patwit xi forma ta' ftehim.

Illi fil-kaz in dezamina ma kien hemm l-ebda arrangament bejn zewg partijiet tant li tidher biss firma wahda. Fic-cirksotanzi l-agir tal-imputati jinkwadra ruhu fir-reat maghruf bhala falz materjali, kif ravvizat bl-artikoli 183 u 184 tal-Kodici Kriminali li *inter alia* jittrattaw *"skrittura kummercjali"*. Madanakollu l-imputati ma gewx akkuzati b'dawn ir-reati izda biss bir-reat ravvizat bl-artikolu 187 tal-Kodici Kriminali, li kif inghad jirrigwarda esklussivament l-skrittura privata.

Illi dwar it-tielet imputazzjoni ma ngabet l-anqas l-icken prova. Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Deborah Gaffiero** il-Qorti tal-Magistrati iddecidiet:[29]

Illi ir-reat tal-kalunja kif previst fl-artikolu 101 tal-Kodici Kriminali jitratta dwar informazzjoni, rapport jew kwerela kemm jekk maghmula verbalment jew bil-miktub, liema kalunja hija imsejha bhala verbali u diretta. Ghandu jinghad illi mid-dicitura tal-artikolu 101, huwa car li l-unika

---

[27] Deciza 2 t'April, 2004; Per Onor. Imhallef Tonio Mallia

[28] Per Onor Imhallef -Agent President Tonio Mallia, Onor. Imhallef Joseph Azzopardi, Onor. Imhallef Mark Chetcuti. Seduta tas-17 ta' Marzu, 2015, Appell Civili Numru. 724/2005/2.

[29] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fil-15 t'Ottubru, 2015 per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli

intenzjoni tal-persuna li hija akkuzata b'dana ir-reat hija illi taghmel hsara lil persuna jew persuni illi jigu akkuzati ingustament, kif ukoll illi r-rapport falz jew id-denunzja falza trid tkun tali illi abbazi tal-istess azzjoni kriminali setghet tittiehed jew ittiehdet fil-konfront tal-persuna jew persuni falzament akkuzati. F'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (sede inferjuri) fis-7 ta' Novembru 1949 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincenzo Attard** gie deciz:

***"Biex ikun hemm ir-reat ta' falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew kontravvenzjoni li jaghtu lok ghal azzjoni kriminali persegwibbli quddiem il-Qorti ta' Gustizzja Kriminali."***

Ukoll f'sentenza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Seychell** (17/10/1997 Appelli Kriminali) inghad: ***"L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem awtorita kompetenti, jigifieri awtorita' li ghandha is-setgha li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il- Qorti lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkomettiet dak ir-reat."***

Fl-ahharnett f'sentenza ohra tal-Qorti ta'l-Appelli Kriminali gie deciz: ***"Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta' kalunnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l-element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b'reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kenitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghal konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel." (Il-Pulizija vs Doreen Zammit – 15/06/2001).***

Fl-ewwel lok jirrizulta li kien is-Surgent li talab lill-imputati jirrikorru l-ghassa wara li rcieva kwerela mill-partijiet lezi. Dan ma kienx kaz fejn l-imputati jew xi hadd minnhom rrikorra l-ghassa biex jiddunzja lil Polly Holding (jew lil Joseph Vassallo), kif qed jigi allegat, sabiex din titressaq il-Qorti akkuzata li kkomettiet xi reat. Dak li ghamlu kien li gidbu mal-pulizija u pproducew dokument iffalsifikat lill-awtorita` pubblika.

**Tali agir jinkwadra perfetament fir-reati prospettati bl-artikoli 188(1) u 189 tal-Kodici Kriminali, b'liema reati l-imputati baqghu ma gewx akkuzati.**

Illi l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova soddisfacentement ir-raba u s-sitt akkuzi.

Illi fir-rigward tal-hames akkuza, ghalkemm ir-reat sehh fiz-zmien meta kien fis-sehh l-artiklu 252 tal-Kodici Kriminali, bl-***Att XI tal-2018***, il-kondotta ravvizata b'dak l-artiklu ma baqghetx sanzjonata bhala reat. Issir riferenza ghad-decizjoni fuq eccezzjonijiet preliminari tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Daniel Felice**:[30]

> Ghaldaqstant stante li l-imputazzjoni li kien originarjament akkuzat biha, illum il-gurnata ma ghadhiex tikkostitiwixxi reat, ghaliex in fatti l-artikolu tal-ligi in kwistjoni gie kancellat, ma jistax issa l-esponenti issa jigi misjub hati tieghu. L-esponenti ma jista' qatt jigi misjub hati ta' xi haga li fil-prezent ma tikkostitwixxix reat.
>
> Jigi sottomess illi in linea mal-insenjament, *nullum crimen, nulla peona sine lege*, u tal-fatt illi meta jsiru emendi simili fil-ligi li jolqtu l-aspett sostantiv u mhux procedurali tal-ligi, u tal-fatt illi f'kazijiet bhal kaz in kwistjoni, il-principji tal-gustizzja jiddettaw li ghandha tapplika l-ligi kif l-aktar ta' beneficcju ghall-akkuzat, l-esponenti ma jista' qatt jigi misjub hati tal-artikolu 24(2) tal-Kap 33 tal-Ligjiet ta' Malta, li llum huwa mhassar!

Dwar l-akkuza numru 7, dik tal-hekk imsejjah *raggion fattasi* ssir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Denise Caruana** fejn dik il-Qorti qalet hekk:[31]

> "...... kwistjonijiet dwar titolu ma jistghux ikollhom effett sabiex tigi stabbilita jew eskluza ir-reita'. Dan ghaliex dak li trid tindaga il-Qorti huwa jekk kienx jezisti stat ta' fatt li gie mibdul unilateralment minn parti wahda tant illi l-vittma ta' dan ir-reat tigi ipprivata mill-uzu jew tgawdija ta'l-oggett li kien fil-pussess taghha qabel dak l-att spoljattiv......
>
> Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew migbura mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha, liema esposizzjoni tad-dritt hija dettaljata tant illi din il-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn iktar fir-rigward. Jigi osservat biss illi:
>
> **"Din il-Qorti tibda biex tghid li r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hux intiz biex jissostitwixxi l-azzjonijiet rivendikatorji jew xort'ohra li bihom dak li jkun jikseb ir-rikonoxximent tad-drittijiet tieghu fi jew fuq proprjeta`, mobbli jew immobbli**.
>
> **L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-*istatus quo*.[32]"**....
>
> "Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi 'il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu sufficjenti ghall-avverament tal-ipotesi tal-ligi' (ara appell kriminali **Il-Pulizija vs George Zahra**, 16 ta' Lulju 1958 – Vol. XLII.iv.1453). Min ikollu oggett misluf lilu ghat-tgawdija tieghu ghandu l-pussess materjali ta'

[30] Deciza 22 ta' Settembru, 2016 per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

[31] Dec.30.11.2016 per Onor Imhallef Dr. Edwina Grima

[32] **Il-Pulizija vs Jane Scicluna** – App.Inf.

dak l-oggett. Taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn li jigi ippruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk.[33]"[emfazi tal-Qorti]

Issir riferenza ukoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Eileen Said**:[34]

Illi l-appellanti instabet hatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right" . Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali , tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :-

"It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....." (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speciali) Vol. II)

Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza **" Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et**. " (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) u dawn jinkludu :-

a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna .
b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt ;
c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali ;
d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi .

Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju . Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet . L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.

Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja ikollu . Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz , jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghax kif jghid il-CARRARA (Prog. Parte Speciale Vol.5 para. 2850 :-

"L' atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode . Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia ; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo" , il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale .

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Abela** iddikjarat kif gej:[35]

---

[33] Appell Kriminali **il-Pulizija vs Mario Bezzina** dec 26/05/2004
[34] Onor Imhallef Dr Joseph Galea Debono; Dec.19.06.2002; App. Nru.37/2002 JGD.
[35] 13.10.2014 per Onor Magistrat Dr. Neville Camilleri; Kump. Nru 866/2011

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci**, deciza fis-7 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

"[F]il-ligi taghna r-reat ta' ragion fattasi mhux meqjus bhala delitt kontra l-proprjeta' izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra".

Illi l-Qorti tinnota li huwa ormai stabbilit li l-elementi kostitutivi tar-reat ta' ragion fattasi, huma erbgha, u cioe:

"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;

(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;

(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di private braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u

(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia, Appell Kriminali 17 ta' Frar, 1995; Il-Pulizija vs. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123).

Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".[36]

Ovvjament huwa sufficjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. <u>Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi huwa bizzejjed xi forma ta' pussess</u>. [emfazi tal-Qorti]

Ghalhekk fuq skorta ta' din il-gurisprudenza kif ukoll tenut kont tar-rizultanzi processwali, is-seba imputazzjoni ma gietx soddisfacentement ppruvata sal-grad rikjest mill-ligi u dan peress li l-partijiet lezi ma kellhomx il-pussess effettiv tal-fond.

**Il-Qorti lanqas ma tista ma tikkumentax dwar il-fatt li aktar ma jghaddi zmien minflok ma partijiet ifittxu li jindirizzaw il-lanjanzi taghhom fil-forum kompetenti u cioe' fil-qrati civili, jaghzlu li jifthu procedurali penali li qatt ma jistghu iwasslu sabiex tali lanjanzi jigu rizolti definittivament. Dan hu abbuz serju tal-Qrati tal-Gustizzja kif ukoll tas-servizzji tal-Pulizija Ezekuttiva li ma jistax jibqa' jigi tolerat.**

---

[36] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru, 1996.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali, il-Qorti qed issib htija fuq l-ewwel imputazzjoni biss.

Illi dwar il-piena l-Qorti qiset in-natura tar-reat li qed tinstab htija dwaru, il-fedina penali netta tal-imputati u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat l-artikolu 309 u 310(1)(c) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati hatja tal-ewwel imputazzjoni, tilliberahom mill-akkuzi l-ohra kollha, u tikkundannahom tlett xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erbatax il-xahar millum.

Kif ukoll bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputati jhallsu lil Joseph Vassallo u lil Polly Holding, l-ammont ta' €408[37] u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H(2) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputati qeghdin jinghataw zmien tlett (3) xhur sabiex ihallsu lill-partijiet lezi.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk jikkommettu reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza jew jekk jonqsu milli jaghmlu l-hlas kif ordnat.

A tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Polly Holding, Joseph Vassallo u l-familjari taghhom, ghal zmien tlett (3) snin millum.

B'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil imputati jhallsu lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' **€1,175.23** rapprezentanti spejjez peritali.

---

[37] Kirja ta' xahar kienet ta' €250. Jirrizulta li kien ghadhom jokkupaw il-fond minn tal-inqas sat-12 ta' Mejju, 2017. Ghalhekk ir-renta ghal bejn 24 ta' Marzu, 2017 sa 12 ta' Mejju, 2017 qed tigi kalkolata proporzjonalment fuq 49 jum.

Tordna wkoll illi jekk l-ispejjez ma jithallsux immedjatament, dawn jigu kkonvertiti f'terminu ta' prigunerija ai termini tal-ligi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**